MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 494/2008

**Anthony Camilleri, Joseph Cassar u Joseph Attard (ID 505949 M)**

**VS**
**Emanuel Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` Gunju, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lil-atturi s-somma ta' elf, sitt mija u tletin euro u sitta u hamsin euro centezmi (Euro1,630.56c), rapprezentanti valur ta` oggetti li l-atturi tilfu fil-bahar meta l-konvenut habat go fihom dghajsa ma` dghajsa meta dik ta` l-atturi kienet wieqfa ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u

biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta` Settembru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro1,630.56c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------